**Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu**

►B

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tal-11 ta' Mejju 2009**

**li tistabbilixxi l-ammonti li, skont ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003, (KE) Nru 378/2007, (KE) Nru 479/2008 u (KE) Nru 73/2009 isiru disponibbli għall-FAEŻR u l-ammonti disponibbli għan-nefqa tal-FAEG**

(2009/379/KE)

(ĠU L 117, 12.5.2009, p. 10)

Emendata minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►M1 | Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/781/KE tat-22 ta' Ottubru 2009 | L 278 | 60 | 23.10.2009 |
| ►M2 | Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/237/UE tas-27 ta' April 2010 | L 106 | 16 | 28.4.2010 |

▼B

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tal-11 ta' Mejju 2009

## li tistabbilixxi l-ammonti li, skont ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003, (KE) Nru 378/2007, (KE) Nru 479/2008 u (KE) Nru 73/2009 isiru disponibbli għall-FAEŻR u l-ammonti disponibbli għan-nefqa tal-FAEG

(2009/379/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 12(2) u (3) tiegħu,

Billi:

(1) Ċerti ammonti għas-snin baġitarji 2007 sa 2013 li huma disponibbli għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) huma stipulati fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/410/KE tal-24 ta' Mejju 2006 li tistabbilixxi l-ammonti li, skont l-Artikoli 10(2), 143(d) u 143(e) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 u l-Artikolu 4(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 378/2007, u l-Artikolu 23(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2008 isiru disponibbli għall-FAEŻR u l-ammonti disponibbli għan-nefqa tal-FAEG ([2]).

(2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa ([3]), ġie mħassar u huwa sostitwit bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 tad-19 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jirrevoka ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 ([4]) b'seħħ mill-1 ta' Jannar 2009.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 73/2009 daħħal fl-Artikolu 7 tiegħu rati ġodda miżjuda tal-modulazzjoni obbligatorja. F'konformità mal-Artikolu 1(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 378/2007 tas-27 ta' Marzu 2007 li jistabbilixxi regoli għal modulazzjoni volontarja ta' pagamenti diretti ([5]), iż-żieda fir-rati ta' modulazzjoni obbligatorja għandha titnaqqas mir-rata tal-modulazzjoni volontarja.

(4) B'konsegwenza, l-ammonti ta' modulazzjoni volontarja u obbligatorja disponibbli għall-FAEŻR inbidlu.

(5) F'ġieħ iċ-ċarezza, id-Deċiżjoni 2006/410/KEE għandha titħassar u tinbidel b'test ġdid,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

---

([1]) ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1.
([2]) ĠU L 163, 15.6.2006, p. 10.
([3]) ĠU L 270, 21.10.2003, p. 1.
([4]) ĠU L 30, 31.1.2009, p. 16.
([5]) ĠU L 4M, 8.1.2008, p. 325.

▼B

*Artikolu 1*

L-ammonti disponibbli għas-snin baġitarji 2007 sa 2013 għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), skont l-Artikoli 10(2), u 143(d) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 378/2007, l-Artikolu 23(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2008 ([1]) u l-Artikoli 9(1), 10(3), 134 u 135 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, kif ukoll l-ammont nett disponibbli għan-nefqa tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) jidhru fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni 2006/410/KE hija mħassra.

([1]) ĠU L 148, 6.6.2008, p. 1.

▼ **M1**

*ANNESS*

*(EUR miljuni)*

| Sena tal-bağit | Ammonti li saru disponibbli għall-FAEŻR | | | | | | | | ► **M2** Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005, ◄ | Bilanċ nett disponibbli għan-nefqa tal-FAEG |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | L-Artikolu 10(2) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 | L-Artikolu 143d tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 | Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 | L-Artikolu 134 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 | L-Artikolu 135 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 | L-Artikolu 136 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 | Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 378/2007 | L-Artikolu 190a(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 | | |
| 2007 | 984 | 22 | | | | | | | | 44 753 |
| 2008 | 1 241 | 22 | | | | | 362 | | | 44 592 |
| 2009 | 1 305,7 | 22 | | | | | 424 | 40,66 | | 44 886,64 |
| ▼ **M2** | | | | | | | | | | |
| 2010 | | | 1 867,1 | 22 | | | 397 | 82,11 | 501,821534 | 44 275,968466 |
| 2011 | | | 2 095,3 | 22 | 484 | 51,6 | 374,9 | 122,61 | | 44 466,59 |
| 2012 | | | 2 355,3 | 22 | 484 | 51,6 | 347,3 | 122,61 | | 44 710,19 |
| 2013 | | | 2 640,9 | 22 | 484 | 51,6 | 313,9 | 122,61 | | 44 938,99 |